MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 559/2011

**Fogg Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**vs**

**Gordon Borda**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici iddikjarat illi matul is-sena 2007, il-konvenut kien assigura l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni *FAR 884* mas-socjeta' s-socjeta' attrici.

Illi nhar it-30 ta' Lulju, 2007 sehh incident awtomobilistiku gewwa Marsamxett Road, Valletta bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-istess konvenut, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni *GBC 803* misjuqa minn certa Charmaine Gatt, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni *CAK 658* misjuqa minn certu Anthony Bezzina.

Illi l-konvenut baqa' ma ressaqx *claim* mas-socjeta' attrici relattivament ghall-incident *de quo,* u dan kif kien obbligat illi jaghmel kemm ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini tal-polza ta' assigurazjoni relattiva mahruga mis-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' attrici informat lill-konvenut sahansitra permezz ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju, 2008 illi galadarba huwa ma kienx irregistra *claim* in konnessjoni ma' dan il-kaz, hija ma kienitx ser tkopri d-danni reklamati mit-terzi u f'kaz illi hija tigi obbligata illi teffetwa xi pagamenti ghan-nom tieghu, hija kienet qieghda tirrizerva l-pozizzjoni taghha fil-konfront tieghu skond il-Ligi.

Illi minkejja illi l-imsemmija ittra giet debitament notifikata, il-konvenut baqa' qatt ma ressaq il-*claim* relattiv mas-socjeta' attrici.

Illi permezz tal-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju istitwiti mit-terzi fl-ismijiet *Charmaine Gatt vs Gordon Borda* [M2096/2009 – decizi nhar l-4 ta' Novembru, 2010], il-konvenut gie dikjarata unikament responsabbli ghall-incident *de quo*, u s-socjeta' attrici debitament notifikata bl-ittra ufficjali opportuna ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kienet obbligata illi thallas favur l-imsemmija Charmaine Gatt is-somma ta' seba' mija u tlieta u hamsin Ewro u hdax-il centezmu (€753.11c) kif fil-fatt ghamlet u dan kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz.

Illi in vista ta' din is-sejba ta' responsabilita' u in vista wkoll tal-fatt illi l-konvenut qatt ma rregistra l-ebda oggezzjoni ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta wara illi gie notifikat bl-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju, 2008, is-socjeta' attrici indennizzat ukoll lit-terzi Middlesea Insurance p.l.c. u Joseph Ciscaldi skond il-Ligi fl-ammont ta' disa' mija u tmienja u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€938.83c) kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz.

Illi peress illi l-konvenut agixxa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-socjeta'

attrici hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenut l-ammont ta' elfejn u tmienja u sebghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€2,078.56c) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' elf sitt mija u wiehed u disghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,691.94c) l-ammont minnha sborsat favur terzi, u in kwantu ghall-ammont ta' tliet mija u sitta u tmenin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€386.62c) l-ispejjez legali u gudizzjarji inkorsi mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' l-istess incident awtomobolistiku ittri legali, gudizzjarji u konsulti riferibbilment ghal-istess incident awtomobilistiku – u ghalhekk qieghdin isiru l-prezenti proceduri sabiex il-konvenut jigi kkundannat illi jhallas dawn l-ammonti lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar, 2011 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, illi jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas s-somma ta' elfejn u tmienja u sebghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€2,078.56c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------